Linji Gwida

# Linji Gwida 8/2022 dwar l-identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija ta' kontrollur jew proċessur

## Verżjoni 2.0

## Adottati fit-28 ta' Marzu 2023

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

## Rekord tal-verżjoni

| | | |
|---|---|---|
| Verżjoni 1.0 | 10 ta' Ottubru 2022 | Adozzjoni tal-Linji Gwida (verżjoni aġġornata tal-linji gwida preċedenti WP244 rev.01 adottati mill-Grupp ta' Ħidma 29 u approvati mill-EDPB fil-25 ta' Mejju 2018) għal konsultazzjoni pubblika mmirata. |
| Verżjoni 2.0 | 28 ta' Marzu 2023 | Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika |

# Werrej

0 Daħla ....4
1 Identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija: il-kunċetti ewlenin ....5
1.1 "Ipproċessar transfruntier ta' *data* personali"....5
1.1.1 "Jaffettwa sostanzjalment"....5
1.2 L-awtorità superviżorja ewlenija ....6
1.3 L-istabbiliment ewlieni ....7
2 Passi għall-identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija....7
2.1 Identifika l-"istabbiliment ewlieni" għall-kontrolluri ....7
2.1.1 Kriterji għall-identifikazzjoni ta' stabbiliment ewlieni ta' kontrollur f'każijiet fejn ma jkunx il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu fiż-ŻEE. ....8
2.1.2 Gruppi ta' impriżi ....9
2.1.3 Kontrolluri konġunti....9
2.2 Każijiet dubjużi....10
2.3 Proċessur ....11
3 Kwistjonijiet rilevanti oħrajn ....11
3.1 Ir-rwol tal-"awtorità superviżorja kkonċernata" ....11
3.2 Ipproċessar lokali ....12
3.3 Kumpaniji mhux stabbiliti fiż-ŻEE. ....12
ANNESS – Mistoqsijiet biex jiggwidaw l-identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija....14
1 Il-kontrollur jew il-proċessur qed iwettaq l-ipproċessar transfruntier ta' *data* personali?....14
2 Kif tidentifika "l-awtorità superviżorja ewlenija"....14
3 Hemm "awtoritajiet superviżorji kkonċernati"?....15

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) u (l) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018[1],

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 għall-identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija ta' kontrollur jew proċessur, WP244 rev.01,

Wara li kkunsidra l-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur fil-GDPR.

**ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN**

# 0 DAĦLA

1. Fil-5 ta' April 2017, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 adotta l-Linji Gwida tiegħu għall-identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija ta' kontrollur jew proċessur (WP244 rev.01)[2], li ġew approvati mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem "EDPB") fl-ewwel laqgħa Plenarja tiegħu[3]. Dan id-dokument huwa verżjoni kemxejn aġġornata ta' dawk il-linji gwida. Kwalunkwe referenza għal-Linji Gwida tad-WP29 għall-identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija ta' kontrollur jew proċessur (WP244 rev.01) għandha, minn issa 'l quddiem, tiġi interpretata bħala referenza għal dawn il-linji gwida tal-EDPB.

2. L-EDPB innota li kien hemm bżonn ta' aktar kjarifiki, speċifikament rigward il-kunċett ta' stabbiliment ewlieni fil-kuntest ta' kontroll konġunt u filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR[4].

3. Il-paragrafu dwar din il-kwistjoni ġie rivedut u aġġornat, filwaqt li l-bqija tad-dokument ma nbidilx, ħlief għall-bidliet editorjali. Ir-reviżjoni tikkonċerna, b'mod aktar speċifiku, it-Taqsima 2.1.3 dwar il-kontrolluri konġunti.

[1] Referenzi għal "Stati Membri" magħmula tul dan id-dokument jenħtieġ li jinftiehmu bħala referenzi għal "Stati Membri taż-ŻEE".

[2] Disponibbli fuq http://ec.europa.eu/newsroom/article29/item-detail.cfm?item_id=611235.

[3] Ara https://edpb.europa.eu/news/news/2018/endorsement-gdpr-wp29-guidelines-edpb_mt.

[4] Ara l-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR, il-verżjoni 2.0 adottata fis-7 ta' Lulju 2021, il-paragrafi 161, 162 u 166, disponibbli fuq https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-072020-concepts-controller-and-processor-gdpr_mt

# 1 IDENTIFIKAZZJONI TA' AWTORITÀ SUPERVIŻORJA EWLENIJA: IL-KUNĊETTI EWLENIN

## 1.1 "Ipproċessar transfruntier ta' *data* personali"

4. L-identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija hija rilevanti biss meta kontrollur jew proċessur ikun qed iwettaq l-ipproċessar transfruntier ta' *data* personali. L-Artikolu 4(23) tal-GDPR jiddefinixxi "pproċessar transfruntier" bħala jew:

- *l-ipproċessar ta' data personali li jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilimenti f'iktar minn Stat Membru wieħed ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni fejn il-kontrollur jew il-proċessur ikun stabbilit f'iktar minn Stat Membru wieħed; jew*
- *l-ipproċessar ta' data personali li jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment uniku ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni li madankollu jaffettwa sostanzjalment lil suġġetti tad-data f'aktar minn Stat Membru wieħed, jew li x'aktarx li se jaffettwahom sostanzjalment*.

5. Dan ifisser li meta organizzazzjoni jkollha stabbilimenti fi Franza u fir-Rumanija, pereżempju, u l-ipproċessar tad-*data* personali jseħħ fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom, dan ikun jikkostitwixxi pproċessar transfruntier.

6. Alternattivament, l-organizzazzjoni tista' twettaq l-attività tal-ipproċessar fil-kuntest tal-istabbiliment tagħha fi Franza. Madankollu, jekk l-attività taffettwa b'mod sostanzjali – jew x'aktarx taffettwa b'mod sostanzjali – is-suġġetti tad-*data* fi Franza u fir-Rumanija, dan ikun jikkostitwixxi wkoll ipproċessar transfruntier.

### 1.1.1 "Jaffettwa sostanzjalment".

7. Il-GDPR ma jiddefinix "jaffettwa" jew "sostanzjalment". L-intenzjoni tal-għażla tal-kliem kienet li jkun żgurat li mhux kull attività ta' pproċessar, bi *kwalunkwe* effett u li sseħħ f'kuntest ta' stabbiliment wieħed, tkun koperta mid-definizzjoni ta' "pproċessar transfruntier".

8. L-iktar tifsiriet ordinarji rilevanti fl-Ingliż għal "substantial" (sostanzjali) tradotti jinkludu; "ta' ammont jew daqs ampju jew konsiderevoli; ta' ċertu daqs, pjuttost kbir", jew "ta' siwi jew valur solidu, ta' sinifikat reali; solidu; Ta' ċerta portata, importanti"[5].

9. L-iktar tifsira rilevanti tal-verb "affect" (affettwa) huwa "tinfluwenza" jew "tħalli impressjoni sostanzjali fuq". In-nom relatat - "effect" - ifisser, fost affarijiet oħra, "riżultat" jew "konsegwenza"[6]. Dan jimplika li biex l-ipproċessar tad-*data* taffettwa lil xi ħadd trid tħalli xi impatt fuqu. Ipproċessar li ma għandux effett fuq l-individwi mhux kopert mit-tieni parti tad-definizzjoni ta' "ipproċessar transfruntier". Madankollu, dan jaqa' taħt l-ewwel parti tad-definizzjoni fejn l-ipproċessar ta' *data* personali jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni, fejn il-kontrollur jew il-proċessur ikun stabbilit f'aktar minn Stat Membru wieħed.

10. L-ipproċessar jista' jiġi kopert mit-tieni parti tad-definizzjoni jekk ikun hemm il-probabbiltà ta' effett sostanzjali u mhux biss effett sostanzjali reali. Ta' min jinnota li "ikun hemm il-probabbiltà" ma tfissirx li jkun hemm il-possibbiltà remota ta' effett sostanzjali. L-effett sostanzjali jrid ikun iktar probabbli milli le. Min-naħa l-oħra, ifisser ukoll li ma hemmx għalfejn li l-individwi jiġu realment affettwati: il-

[5] Oxford English Dictionary.
[6] Oxford English Dictionary.

probabbiltà ta' effett sostanzjali huwa biżżejjed biex l-ipproċessar jiġi kopert mid-definizzjoni ta' "pproċessar transfruntier".

11. Il-fatt li operazzjoni ta' pproċessar ta' *data* tista' tinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali ta' numru – anki kbir – ta' individwi, f'numru ta' Stati Membri, ma jfissirx neċessarjament li l-ipproċessar għandu, jew x'aktarx ikollu, effett sostanzjali. Ipproċessar li ma għandux effett sostanzjali ma jikkostitwix ipproċessar transfruntier għall-finijiet tat-tieni parti tad-definizzjoni ta' irrispettivament minn kemm ikunu affettwati individwi.

12. L-awtoritajiet superviżorji se jinterpretaw "jaffettwa sostanzjalment" fuq bażi ta' każ b'każ. Aħna se nqisu l-kuntest tal-ipproċessar, it-tip ta' *data*, l-iskop tal-ipproċessar u fatturi bħal jekk l-ipproċessar:

- jikkawżax jew hux probabbli li jikkawża, dannu, telf jew tbatija lill-individwi;
- iħallix jew hux probabbli li jħalli, effett annwali f'termini ta' limitazzjoni tad-drittijiet jew iċ-ċaħda ta' opportunità;
- jaffettwax, jew hux probabbli li jaffettwa s-saħħa, il-benessri jew serħan il-moħħ tal-individwi;
- jaffettwax, jew hux probabbli li jaffettwa, l-istatus jew iċ-ċirkostanzi finanzjarji jew ekonomiċi tal-individwi;
- iħallix lill-individwi vulnerabbli għal diskriminazzjoni jew trattament inġust;
- jinvolvix l-analiżi tal-kategoriji speċjali ta' *data* personali jew *data* intrużiva oħra, b'mod partikolari d-*data* personali tat-tfal;
- iwassalx jew hux probabbli li jwassal biex individwi jibdlu l-imġiba tagħhom b'mod sinifikanti;
- iħallix konsegwenzi improbabbli, mhux mistennija jew mhux mixtieqa għall-individwi;
- jimbarazzax jew joħloqx eżiti negattivi oħrajn, inkluż dannu lir-reputazzjoni; jew
- jinvolvix l-ipproċessar ta' firxa wiesgħa ta' *data* personali.

13. Fl-aħħar mill-aħħar, it-test ta' "effett sostanzjali" huwa maħsub biex jiżgura li l-awtoritajiet superviżorji jkunu meħtieġa biss jikkooperaw formalment permezz tal-mekkaniżmu ta' konsistenza tal-GDPR "*fejn awtorità superviżorja jkollha l-intenzjoni li tadotta miżura maħsuba biex tipproduċi effetti legali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jaffettwaw sostanzjalment għadd sinifikanti ta' suġġetti tad-data f'diversi Stati Membri*"[7].

## 1.2 L-awtorità superviżorja ewlenija

14. Fi kliem sempliċi, "awtorità superviżorja ewlenija" hija l-awtorità bir-responsabbiltà primarja li tittratta attività transfruntiera tal-ipproċessar tad-*data*, pereżempju meta suġġett tad-*data* jagħmel ilment dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu jew tagħha.

15. L-awtorità superviżorja ewlenija se tikkoordina kull investigazzjoni li tinvolvi awtoritajiet superviżorji "kkonċernati" oħrajn.

16. L-identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija tiddependi mid-determinazzjoni tal-post tal-"istabbiliment ewlieni" jew "l-istabbiliment uniku" tal-kontrollur fl-UE. L-Artikolu 56 GDPR jgħid li:

- *l-awtorità superviżorja tal-istabbiliment ewlieni jew tal-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessur għandha tkun kompetenti biex taġixxi bħala l-awtorità superviżorja ewlenija għall-*

[7] Ara l-Premessa 135 tal-GDPR.

*ipproċessar transfruntier li jsir minn dak il-kontrollur jew proċessur f'konformità mal-proċedura* [ta' kooperazzjoni] *prevista fl-Artikolu 60.*

### 1.3 L-istabbiliment ewlieni

17. L-Artikolu 4(16) GDPR jgħid li "stabbiliment ewlieni" ifisser:

- *fir-rigward ta' kontrollur bi stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-post tal-* ***amministrazzjoni ċentrali*** *tiegħu fl-Unjoni, għajr jekk id-****deċiżjonijiet dwar l-għanijiet u l-mezzi*** *tal-ipproċessar tad-data personali jittieħdu fi stabbiliment ieħor tal-kontrollur fl-Unjoni u dan l-istabbiliment tal-aħħar ikollu* ***s-setgħa li jesiġi l-implimentazzjoni ta' tali deċiżjonijiet****, u f'dan il-każ l-istabbiliment li jkun ħa tali deċiżjonijiet għandu jitqies bħala l-istabbiliment ewlieni;*
- *fir-rigward ta' proċessur bi stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu fl-Unjoni, jew, jekk il-proċessur ma jkollu l-ebda amministrazzjoni ċentrali fl-Unjoni, l-istabbiliment tal-proċessur fl-Unjoni fejn isiru l-attivitajiet ta' pproċessar ewlenin fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment tal-proċessur sa fejn il-proċessur ikun soġġett għal obbligi speċifiċi taħt dan ir-Regolament;*

## 2 PASSI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' AWTORITÀ SUPERVIŻORJA EWLENIJA

### 2.1 Identifika l-"istabbiliment ewlieni" għall-kontrolluri

18. Sabiex jiġi stabbilit fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni, huwa l-ewwel nett meħtieġ li tiġi identifikata l-amministrazzjoni ċentrali tal-kontrollur fiż-ŻEE, jekk din tkun hemm. L-approċċ implikat fil-GDPR huwa li l-amministrazzjoni ċentrali fl-UE hija l-post fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali, u dan il-post għandu s-setgħa li jimplimenta tali deċiżjonijiet.

19. L-essenza tal-prinċipju tal-awtorità superviżorja ewlenija fil-GDPR hija li s-superviżjoni tal-ipproċessar transfruntier jenħtieġ li titmexxa minn awtorità superviżorja waħda biss fl-UE. F'każijiet fejn id-deċiżjonijiet relatati ma' attivitajiet differenti ta' pproċessar transfruntier jittieħdu fi ħdan l-amministrazzjoni ċentrali tal-UE, se jkun hemm awtorità superviżorja ewlenija waħda għall-attivitajiet varji tal-ipproċessar tad-*data* mwettqa mill-kumpanija multinazzjonali. Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn stabbiliment ħlief il-post ta' amministrazzjoni ċentrali jieħu deċiżjonijiet awtonomi li jikkonċernaw il-finijiet u l-mezzi ta' attività ta' pproċessar speċifika. Dan ifisser li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn tista' tiġi identifikata iktar minn awtorità superviżorja ewlenija waħda, jiġifieri f'każijiet fejn kumpanija multinazzjonali tiddeċiedi li jkollha ċentri separati tat-teħid tad-deċiżjonijiet separati, f'pajjiżi differenti, għal attivitajiet ta' pproċessar differenti.

20. Ta' min ifakkar, li meta kumpanija multinazzjonali tiċċentralizza d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-finijiet u l-mezzi tal-attivitajiet ta' pproċessar f'wieħed mill-istabbilimenti tagħha fiż-ŻEE (u dak l-istabbiliment ikollu s-setgħa li jimplimenta deċiżjonijiet bħal dawk), tkun identifikata awtorità superviżorja ewlenija waħda għall-kumpanija multinazzjonali.

21. F'dawn is-sitwazzjonijiet ikun essenzjali li l-kumpaniji jidentifikaw b'mod preċiż fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-fini u l-mezzi tal-ipproċessar. L-identifikazzjoni korretta tal-istabbiliment ewlieni huwa fl-interess tal-kontrolluri u l-proċessuri minħabba li tipprovdi ċarezza f'termini ta' ma' liema awtorità superviżorja jkollhom x'jaqsmu fir-rigward tad-dmirijiet varji ta' konformità skont il-GDPR. Dawn jistgħu jinkludu, fejn rilevanti, il-ħatra ta' uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* jew konsultazzjoni għal

attività ta' pproċessar riskjuża li l-kontrollur ma jistax itaffi b'mezzi raġonevoli. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR huma maħsuba biex jagħmlu dawn il-kompiti ta' konformità fattibbli.

22. Dan juruh l-eżempji ta' hawn taħt:

| |
|---|
| Eżempju 1: Bejjiegħ bl-imnut tal-ikel għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu (jiġifieri, il-"post tal-amministrazzjoni ċentrali" tiegħu) f'Rotterdam, in-Netherlands. Huwa għandu stabbilimenti f'bosta pajjiżi oħra taż-ŻEE, li huma f'kuntatt ma' individwi hemmhekk. L-istabbilimenti kollha jużaw l-istess software biex jipproċessaw id-*data* personali tal-konsumaturi għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Id-deċiżjonijiet kollha dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali tal-konsumaturi għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jittieħdu fil-kwartieri ġenerali ta' Rotterdam. Dan ifisser li l-awtorità superviżorja ewlenija tal-kumpanija għal din l-attività ta' pproċessrar transfruntier hija l-awtorità superviżorja Netherlandiża.<br><br>Eżempju 2: Bank għandu l-kwartieri ġenerali korporattivi tiegħu fi Frankfurt, u l-attivitajiet kollha[8] ta' pproċessar bankarju tiegħu huma organizzati minn hemm, iżda d-dipartiment tal-assigurazzjoni tiegħu jinsab fi Vjenna. Jekk l-istabbiliment fi Vjenna għandu s-setgħa li jiddeċiedi dwar l-attivitajiet kollha ta' pproċessar ta' *data* tal-assigurazzjoni u li jimplimenta dawn id-deċiżjonijiet għaż-ŻEE kollha, allura, kif previst fl-Artikolu 4(16) tal-GDPR, l-awtorità superviżorja Awstrijaka tkun l-awtorità superviżorja ewlenija fir-rigward tal-ipproċessar transfruntier ta' *data* personali għal finijiet ta' assigurazzjoni, u l-awtorità superviżorja Ġermaniża kompetenti (jiġifieri, l-awtorità superviżorja ta' Hessen) tissorvelja l-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet bankarji, irrispettivament minn fejn jinsabu l-klijenti[9]. |

### 2.1.1 Kriterji għall-identifikazzjoni ta' stabbiliment ewlieni ta' kontrollur f'każijiet fejn ma jkunx il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu fiż-ŻEE.

23. Il-premessa 36 GDPR hija utli biex tiċċara l-fattur prinċipali li għandu jintuża għad-determinazzjoni ta' stabbiliment ewlieni jekk ma jkunx japplika l-kriterju ta' amministrazzjoni ċentrali. Dan jinvolvi l-identifikazzjoni ta' fejn iseħħ l-eżerċizzju effettiv u reali tal-attivitajiet ta' ġestjoni li jiddeterminaw id-deċiżjonijiet ewlenin dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar permezz ta' arranġamenti stabbli. Il-premessa 36 tal-GDPR tiċċara wkoll li "*l-preżenza u l-użu ta' mezzi u teknoloġiji tekniċi għall-ipproċessar ta' data personali jew attivitajiet ta' pproċessar, fihom infushom, ma jikkostitwixxux stabbiliment ewlieni u għalhekk mhumiex kriterji determinanti għal stabbiliment ewlieni*".

24. Il-kontrollur innifsu jidentifika fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tiegħu u għalhekk liema awtorità superviżorja hija l-awtorità superviżorja ewlenija tiegħu. Madankollu, dan jista' mbagħad jiġi kkontestat mill-awtorità superviżorja rispettiva.

25. Il-fatturi ta' hawn taħt huma utli għad-determinazzjoni tal-post tal-istabbiliment ewlieni ta' kontrollur, skont it-termini tal-GDPR, f'każijiet fejn ma jkunx il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu fiż-ŻEE.

---

[8] Fil-kuntest tal-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet bankarji, l-EDPB jirrikonoxxi li hemm ħafna skopijiet differenti segwiti minn dawn l-attivitajiet ta' pproċessar. Madankollu, biex jiġu ssimplifikati l-kwistjonijiet, l-EDPB jindirizzahom kollha kemm huma bħala skop uniku. L-istess jgħodd għal ipproċessar li jsir għal finijiet ta' assigurazzjoni.

[9] Ta' min ifakkar ukoll li l-GDPR jistipula li l-possibbiltà ta' sorveljanza lokali f'każijiet speċifiċi. Ara l-Premessa 127: *"Kull awtorità superviżorja* ***li ma tkunx qed taġixxi bħala*** *l-awtorità superviżorja ewlenija* ***jenħtieġ li tkun kompetenti li tittratta każijiet lokali*** *fejn il-kontrollur jew il-proċessur ikun stabbilit f'aktar minn Stat Membru wieħed, iżda s-suġġett tal-ipproċessar speċifiku jikkonċerna* ***biss l-ipproċessar li jsir fi Stat Membru uniku u jinvolvi biss is-suġġetti tad-data f'dak l-Istat Membru uniku****, pereżempju, fejn is-suġġett jikkonċerna l-ipproċessar ta' data personali tal-impjegati fil-kuntest speċifiku tal-impjiegi ta' Stat Membru partikolari."* Dan il-prinċipju jfisser li s-superviżjoni tad-*data* tar-riżorsi umani konnessa mal-kuntest tal-impjiegi lokali tista' taqa' fuq diversi awtoritajiet superviżorji.

- Fejn jingħataw "l-approvazzjoni" finali d-deċiżjonijiet dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar?
- Fejn jittieħdu deċiżjonijiet dwar attivitajiet kummerċjali li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data*?
- Fejn tinsab effettivament is-setgħa li d-deċiżjonijiet jiġu implimentati?
- Fejn jinsab id-Direttur (jew id-Diretturi) bir-responsabbiltà għall-ġestjoni ġenerali għall-ipproċessar transfruntier?
- Fejn jinsab il-kontrollur jew il-proċessur irreġistrat bħala kumpanija, jekk jinsab f'territorju uniku?

26. Ta' min jinnota li din il-lista mhix eżawrjenti. Fatturi oħrajn jistgħu jkunu rilevanti skont il-kontrollur jew l-attività ta' pproċessar ikkonċernata. Jekk awtorità superviżorja jkollha raġunijiet biex tiddubita li l-istabbiliment identifikat mill-kontrollur ikun realment l-istabbiliment ewlieni għall-finijiet tal-GDPR, hija tkun tista' – naturalment – teħtieġ li l-kontrollur jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali neċessarja biex juri bil-provi fejn jinstab l-istabbiliment ewlieni tiegħu.

### 2.1.2 Gruppi ta' impriżi

27. Meta l-ipproċessar jitwettaq minn grupp ta' impriżi li jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu fiż-ŻEE, l-istabbiliment tal-impriża b'kontroll ġenerali huwa preżunt li jkun iċ-ċentru tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatat mal-ipproċessar tad-*data* personali, u għalhekk jitqies bħala l-istabbiliment ewlieni għall-grupp, ħlief meta d-deċiżjonijiet dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar jittieħdu minn stabbiliment ieħor. Is-sede prinċipali, jew is-sede operattiva tal-grupp ta' impriżi fiż-ŻEE, x'aktarx li tkun l-istabbiliment ewlieni, għaliex dan ikun il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha.

28. Ir-referenza fid-definizzjoni għall-post tal-amministrazzjoni ċentrali ta' kontrollur taħdem tajjeb għall-organizzazzjonijiet li jkollhom kwartieri ġenerali ċentralizzata għat-teħid tad-deċiżjonijiet u struttura tat-tip bil-fergħat. F'każijiet bħal dawn, huwa ċar li s-setgħa li jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-ipproċessar transfruntier, u li dan jitwettaq, tinsab fis-sede tal-kumpanija. F'każijiet bħal dawn, id-determinazzjoni tal-post tal-istabbiliment ewlieni - u għalhekk liema awtorità superviżorja hija l-awtorità superviżorja ewlenija - hija faċli. Madankollu, is-sistema ta' deċiżjoni ta' grupp ta' kumpaniji jista' jkun iktar kumpless, bl-għoti ta' setgħat indipendenti relatati ma' pproċessar transfruntier lil stabbilimenti differenti. Il-kriterji stabbiliti fuq għandhom jgħinu lill-gruppi tal-impriżi jidentifikaw l-istabbiliment ewlieni tagħhom.

### 2.1.3 Kontrolluri konġunti

29. Il-GDPR ma jittrattax speċifikament il-kwistjoni tal-ħatra ta' awtorità superviżorja ewlenija fejn żewġ kontrolluri jew aktar stabbiliti fiż-ŻEE jiddeterminaw b'mod konġunt l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar - jiġifieri kontrolluri konġunti. L-Artikolu 26(1) u l-Premessa 79 tal-GDPR jagħmluha ċara li f'sitwazzjonijiet ta' kontroll konġunt, il-kontrolluri għandhom jiddeterminaw b'mod trasparenti r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi tagħhom skont il-GDPR.

30. Kif imfakkar mill-EDPB fil-Linji Gwida tiegħu dwar il-kunċett ta' kontrollur u proċessur[10], il-kontrolluri konġunti jeħtieġ li jistabbilixxu "min jagħmel xiex" billi jiddeċiedu bejniethom min se jkollu jwettaq liema kompiti, sabiex jiżguraw li l-ipproċessar jikkonforma mal-obbligi applikabbli skont il-GDPR fir-rigward tal-ipproċessar konġunt inkwistjoni.

31. Il-miżuri ta' konformità u l-obbligi relatati li l-kontrolluri konġunti jenħtieġ li jikkunsidraw meta jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, minbarra dawk speċifikament imsemmija fl-

[10] Ara l-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR, il-paragrafi 161, 162 u 166.

Artikolu 26(1) tal-GDPR, jinkludu, fost l-oħrajn, l-organizzazzjoni ta' kuntatt mas-suġġetti tad-*data* u mal-awtoritajiet superviżorji.

32. Għandu jiġi mfakkar li l-awtoritajiet superviżorji mhumiex marbuta bit-termini ta' tali arranġament, la dwar il-kwistjoni tal-kwalifika tal-partijiet bħala kontrolluri konġunti u lanqas dwar il-punt ta' kuntatt maħtur[11].

33. Barra minn hekk, is-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-kontrolluri konġunti ma tinkludix id-determinazzjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti skont l-Artikoli 55 u 56 tal-GDPR, jew il-kapaċità ta' dawn l-awtoritajiet superviżorji li jeżerċitaw il-kompiti u s-setgħat tagħhom kif deskritt fl-Artikoli 57 u 58 tal-GDPR.

34. Il-kunċett ta' stabbiliment ewlieni huwa marbut permezz tal-GDPR ma' kontrollur uniku u ma jistax jiġi estiż għal sitwazzjoni ta' kontroll konġunt. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li kull kontrollur konġunt ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu stess. Fi kliem ieħor, l-istabbiliment ewlieni ta' kontrollur ma jistax jitqies bħala l-istabbiliment ewlieni tal-kontrolluri konġunti għall-ipproċessar imwettaq taħt il-kontroll konġunt tagħhom. Għalhekk, il-kontrolluri konġunti ma jistgħux jaħtru (fost l-istabbilimenti fejn jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar) stabbiliment ewlieni komuni għaż-żewġ kontrolluri konġunti.

## 2.2 Każijiet dubjużi

35. Se jkun hemm sitwazzjonijiet dubjużi u kumplessi fejn ikun diffiċli li jiġi identifikat l-istabbiliment ewlieni jew li jiġi ddeterminat fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-ipproċessar tad-*data*. Dan jista' jkun il-każ meta jkun hemm attività transfruntiera tal-ipproċessar tad-*data* u l-kontrollur ikun stabbilit f'bosta Stati Membri, imma ma jkun hemm l-ebda amministrazzjoni ċentrali fiż-ŻEE u l-ebda wieħed mill-istabbilimenti fiż-ŻEE ma jkunu jieħdu deċiżjonijiet dwar l-ipproċessar (jiġifieri d-deċiżjonijiet jittieħdu esklussivament barra ż-ŻEE).

36. Fil-każ ta' hawn fuq, jista' jkun li l-kumpanija li twettaq ipproċessar transfruntier tkun tixtieq li tkun regolata minn awtorità superviżorja ewlenija biex tibbenefika mill-prinċipju ta' punt uniku ta' kuntatt. Madankollu, il-GDPR ma jipprovdix soluzzjoni għal sitwazzjonijiet bħal dawn. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kumpanija jenħtieġ li taħtar l-istabbiliment li għandu l-awtorità li jimplimenta deċiżjonijiet dwar l-attività tal-ipproċessar u li jieħu r-responsabbiltà għall-ipproċessar, inkluż li jkollu biżżejjed assi, bħala l-istabbiliment ewlieni tiegħu. Jekk il-kumpanija ma tinnominax stabbiliment ewlieni b'dan il-mod, ma jkunx possibbli li tinnomina awtorità superviżorja ewlenija. L-awtoritajiet superviżorji dejjem ikunu jistgħu jinvestigaw ulterjorment meta dan ikun xieraq.

37. Il-GDPR ma jippermettix "għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni". Jekk kumpanija tiddikjara li għandha l-istabbiliment ewlieni tagħha fi Stat Membru wieħed, iżda ma jsir l-ebda eżerċizzju effettiv u reali tal-attività ta' ġestjoni jew tat-teħid ta' deċiżjonijiet fuq l-ipproċessar ta' *data* personali, l-awtoritajiet superviżorji rilevanti (jew fl-aħħar mill-aħħar l-EDPB[12]) jiddeċiedu liema awtorità superviżorja hija "ewlenija", bl-użu ta' kriterji oġġettivi u billi jħarsu lejn l-evidenza. Il-proċess biex jiġi ddeterminat fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni jista' jkun jeħtieġ inkjesta attiva u kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji. Il-konklużjonijiet ma jistgħu jkunu bbażati biss fuq id-dikjarazzjonijiet mill-organizzazzjoni li tkun qed tiġi rieżaminata. L-oneru tal-provi, biex juru li l-awtoritajiet superviżorji rilevanti fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet ta' pproċessar rilevanti u fejn hemm is-setgħa biex dawn id-deċiżjonijiet jiġu implimentati, fl-aħħar mill-aħħar huwa tal-kontrolluri u l-proċessuri. Rekords effettivi tal-attività tal-

[11] Ara l-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR, il-paragrafu 191.
[12] Ara paragrafu 35 aktar 'l isfel.

ipproċessar tad-*data* jgħinu kemm lill-organizzazzjonijiet kif ukoll lill-awtoritajiet superviżorji biex jiddeterminaw l-awtorità superviżorja ewlenija. L-awtorità superviżorja ewlenija, jew l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, jistgħu jirribattu l-analiżi tal-kontrollur abbażi ta' eżami oġġettiv tal-fatti rilevanti, filwaqt li jitolbu aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

38. F'xi każijiet, l-awtoritajiet superviżorji rilevanti se jitolbu lill-kontrollur jipprovdi evidenza ċara, f'konformità ma' kwalunkwe linja gwida tal-EDPB, ta' fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tiegħu, jew fejn jittieħdu deċiżjonijiet dwar attività partikolari tal-ipproċessar tad-*data*. Dawn il-provi jingħataw il-piż dovut u l-awtorità superviżorja involuta tikkoopera biex tiddeċiedi liema minnhom imexxi l-investigazzjoni. Dawn il-każijiet jiġu riferuti lill-BEPD biss għal deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1)(b) GDPR fejn l-awtoritajiet superviżorji jkollhom fehmiet kunfliġġenti f'termini ta' identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-EDPB jistenna li l-awtoritajiet superviżorji rilevanti jkunu jistgħu jaqblu dwar kors ta' azzjoni reċiprokament sodisfaċenti.

### 2.3 Proċessur

39. Il-GDPR joffri wkoll is-sistema ta' punt uniku ta' servizz għall-benefiċċju tal-proċessuri li huma soġġetti għall-GDPR u li għandhom stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed.

40. L-Artikolu 4(16)(b) GDPR jgħid li l-istabbiliment ewlieni tal-proċessur ikun il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tal-proċessur fl-UE jew, jekk ma jkun hemm l-ebda amministrazzjoni ċentrali fl-UE, l-istabbiliment fl-UE fejn iseħħu l-attivitajiet ta' pproċessar (proċessur) ewlenin.

41. Madankollu, skont il-Premessa 36 tal-GDPR, f'każijiet li jinvolvu kemm kontrollur kif ukoll proċessur, l-awtorità superviżorja ewlenija kompetenti jenħtieġ li tkun l-awtorità superviżorja ewlenija għall-kontrollur. F'din is-sitwazzjoni, l-awtorità superviżorja tal-proċessur se tkun "awtorità superviżorja kkonċernata" u jenħtieġ li tipparteċipa fil-proċedura ta' kooperazzjoni. Din ir-regola tapplika biss meta l-kontrollur ikun stabbilit fiż-ŻEE. F'każijiet fejn il-kontrolluri jkunu soġġetti għall-GDPR abbażi tal-Artikolu 3(2) tiegħu, dawn ma jkunux soġġetti għall-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz. Proċessur - pereżempju, fornitur kbir ta' servizzi tal-cloud - jista' jipprovdi servizzi lil kontrolluri multipli li jinsabu fi Stati Membri differenti. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità superviżorja ewlenija tkun l-awtorità superviżorja kompetenti li taġixxi bħala dik ewlenija għall-kontrollur. Dan ifisser li proċessur jista' jkollu jittratta ma' iktar minn awtorità superviżorja waħda.

## 3 KWISTJONIJIET RILEVANTI OĦRAJN

### 3.1 Ir-rwol tal-"awtorità superviżorja kkonċernata"

42. L-Artikolu 4(22) tal-GDPR jgħid li:

> *"awtorità superviżorja kkonċernata" tfisser awtorità superviżorja li tkun ikkonċernata bl-ipproċessar ta' data personali peress li: (a) il-kontrollur jew il-proċessur ikun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità superviżorja; (b) is-suġġetti tad-data li jgħixu fl-Istat Membru ta' dik l-awtorità superviżorja jiġu affettwati sostanzjalment jew x'aktarx li jkunu ser jiġu affettwati sostanzjalment mill-ipproċessar; jew (c) ikun tressaq ilment quddiem dik l-awtorità superviżorja.*

43. Il-kunċett ta' awtorità superviżorja kkonċernata huwa maħsub biex jiżgura li l-mudell ta' "awtorità superviżorja ewlenija" ma jwaqqafx lil awtoritajiet superviżorji oħra milli jesprimu ruħhom dwar kif kwistjoni tiġi ttrattata meta, pereżempju, individwi li jirrisjedu barra mill-ġurisdizzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija jkunu affettwati b'mod sostanzjali minn attività ta' pproċessar ta' *data*. F'termini tal-fattur (a) ta' hawn fuq, japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet dwar kif tiġi identifikata awtorità

superviżorja ewlenija. Innota li f' (b) is-suġġett tad-*data* għandu sempliċiment jirrisjedi fl-Istat Membru inkwistjoni; m'għandhomx għalfejn ikunu ċittadini ta' dak l-Istat. Ġeneralment ikun faċli fil-punt (c) biex jiġi ddeterminat bħala stat ta' fatt jekk awtorità superviżorja partikolari tkunx irċeviet ilment.

44. L-Artikolu 56(2) u (5) GDPR jipprevedu awtorità superviżorja kkonċernata biex ikollha rwol fit-trattament ta' każ mingħajr ma tkun l-awtorità superviżorja ewlenija. Meta awtorità superviżorja ewlenija tiddeċiedi li ma tittrattax każ, l-awtorità superviżorja kkonċernata li tkun infurmat lill-awtorità superviżorja ewlenija għandha tittrattah. Dan hu konformi mal-proċeduri fl-Artikolu 61 (Assistenza reċiproka) u fl-Artikolu 62 (Operazzjonijiet konġunti ta' awtoritajiet superviżorji) GDPR. Dan jista' jkun il-każ fejn kumpanija ta' kummerċjalizzazzjoni bl-istabbiliment ewlieni tagħha f'Pariġi tniedi prodott li jaffettwa biss is-suġġetti tad-*data* li jgħixu fil-Portugall. F'dak il-każ, l-awtoritajiet superviżorji Franċiżi u dawk Portugiżi jistgħu jaqblu li jkun xieraq li l-awtorità superviżorja Portugiża tmexxi hi biex tittratta l-kwistjoni. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jitolbu li l-kontrolluri jipprovdu input f'termini ta' kjarifika tal-arranġamenti korporattivi tagħhom. Peress li l-attività ta' pproċessar għandha effett purament lokali - jiġifieri fuq individwi fil-Portugall - l-awtoritajiet superviżorji Franċiżi u Portugiżi għandhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu liema awtorità superviżorja jenħtieġ li tittratta l-kwistjoni - f'konformità mal-Premessa 127 tal-GDPR.

45. Il-GDPR jirrikjedi li l-awtoritajiet superviżorji ewlenin u kkonċernati jikkooperaw, bir-rispett dovut għall-fehmiet ta' xulxin, biex jiżguraw li kwistjoni tiġi investigata u solvuta għas-sodisfazzjon ta' kull awtorità - u b'rimedju effettiv għas-suġġetti tad-*data*. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jilħqu kors ta' azzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku. Il-mekkaniżmu formali ta' konsistenza jenħtieġ li jiġi invokat biss meta l-kooperazzjoni ma tilħaqx eżitu aċċettabbli b'mod reċiproku.

46. L-aċċettazzjoni reċiproka tad-deċiżjonijiet tista' tapplika għal konklużjonijiet sostantivi, iżda wkoll għall-kors ta' azzjoni li tittieħed deċiżjoni dwaru, inkluża l-attività ta' infurzar (eż. investigazzjoni sħiħa jew investigazzjoni b'ambitu limitat). Din tista' tapplika wkoll għal deċiżjoni li każ ma jkunx ittrattat skont il-GDPR, pereżempju minħabba politika formali ta' prijoritizzazzjoni, jew minħabba li jkun hemm awtoritajiet ikkonċernati oħrajn kif deskritt fuq.

47. L-iżvilupp ta' kunsens u rieda tajba bejn l-awtoritajiet superviżorji huwa essenzjali biex jirnexxi l-proċeduri ta' kooperazzjoni u konsistenza tal-GDPR.

## 3.2 Ipproċessar lokali

48. L-attività tal-ipproċessar tad-*data* lokali ma taqax taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-konsistenza tal-GDPR. L-awtoritajiet superviżorji se jirrispettaw il-kompetenza ta' xulxin biex jittrattaw l-attività tal-ipproċessar tad-*data* lokali fuq bażi lokali. L-ipproċessar li jsir mill-awtoritajiet pubbliċi dejjem ikun ittrattat fuq bażi "lokali" wkoll.

## 3.3 Kumpaniji mhux stabbiliti fiż-ŻEE.

49. Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza tal-GDPR japplikaw biss għall-kontrolluri ma' stabbiliment, jew stabbilimenti, fiż-ŻEE. Jekk kumpanija ma jkollhiex stabbiliment fiż-ŻEE, is-sempliċi preżenza ta' rappreżentant fi Stat Membru ma twassalx għall-prinċipju ta' punt uniku ta' servizz. Dan ifisser li l-kontrolluri li ma jkollhom l-ebda stabbiliment fiż-ŻEE jridu jittrattaw l-awtoritajiet superviżorji lokali f'kull Stat Membru fejn ikunu attivi, permezz tar-rappreżentant lokali tagħhom.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

# ANNESS – MISTOQSIJIET BIEX JIGGWIDAW L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA EWLENIJA

## 1 Il-kontrollur jew il-proċessur qed iwettaq l-ipproċessar transfruntier ta' *data* personali?

**a.** Iva, jekk:

- Il-kontrollur jew il-proċessur ikun stabbilit f'iktar minn Stat Membru wieħed u
- L-ipproċessar ta' *data* personali jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed.

➢ F'dan il-każ, ara t-taqsima 2.

**b.** Iva, jekk:

- L-ipproċessar ta' *data* personali jsir fil-kuntest tal-attivitajiet tal-istabbiliment uniku ta' kontrollur jew proċessur fiż-ŻEE, iżda:
- Jkun jaffettwa sostanzjalment, jew probabbli li jaffettwa sostanzjalment individwi f'iktar minn Stat Membru wieħed.

➢ F'dan il-każ, l-awtorità superviżorja ewlenija hija l-awtorità għall-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur fi Stat Membru wieħed. Dan huwa - skont il-loġika - l-istabbiliment ewlieni tal-kontrollur jew tal-proċessur minħabba li huwa l-uniku stabbiliment tiegħu.

## 2 Kif tidentifika "l-awtorità superviżorja ewlenija"

**a.** <u>F'każ li jinvolvi kontrollur wieħed biss:</u>

**i.** Jidentifika l-post tal-amministrazzjoni ċentrali tal-kontrollur fiż-ŻEE;

**ii.** L-awtorità superviżorja tal-pajjiż fejn jinsab il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tkun l-awtorità superviżorja ewlenija tal-kontrollur.

Madanakollu:

**iii.** Jekk id-deċiżjonijiet dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar jittieħdu fi stabbiliment ieħor fiż-ŻEE, u dak l-istabbiliment ikollu s-setgħa li jimplimenta dawk id-deċiżjonijiet, l-awtorità superviżorja ewlenija tkun dik li tinsab fil-pajjiż fejn hemm dan l-istabbiliment.

**b.** <u>F'każ li jinvolvi kontrollur u proċessur:</u>

**i.** Ara jekk il-kontrollur hux stabbilit fiż-ŻEE u hux suġġett għal sistema ta' punt uniku ta' kuntatt. Jekk dak ikun il-każ,

**ii.** Identifika l-awtorità superviżorja ewlenija tal-kontrollur. Din l-awtorità tkun ukoll l-awtorità superviżorja ewlenija għall-proċessur.

**iii.** L-awtorità superviżorja (mhux ewlenija) kompetenti għall-proċessur tkun "awtorità superviżorja kkonċernata" - ara s-sezzjoni 3 iktar 'l isfel.

**c.** <u>F'każ li jinvolvi proċessur wieħed biss:</u>

i. Jidentifika l-post tal-amministrazzjoni ċentrali tal-proċessur fiż-ŻEE;

ii. Jekk il-proċessur ma jkollu l-ebda amministrazzjoni ċentrali fiż-ŻEE, identifika l-istabbiliment fiż-ŻEE fejn seħħew l-attivitajiet ta' pproċessar ewlenin tal-proċessur.

d. F'każ li jinvolvi kontrolluri konġunti:

i. Ara jekk il-kontrolluri konġunti humiex stabbiliti fiż-ŻEE.

ii. Jidentifika l-post tal-amministrazzjoni ċentrali fiż-ŻEE għal kull kontrollur konġunt rispettivament (fejn applikabbli);

iii. L-awtorità superviżorja tal-pajjiż fejn jinsab il-post tal-amministrazzjoni ċentrali hija l-awtorità superviżorja ewlenija tal-kontrollur konġunt rispettiv.

## 3 Hemm "awtoritajiet superviżorji kkonċernati"?

Awtorità hija "awtorità kkonċernata":

- Meta l-kontrollur jew il-proċessur ikollu stabbiliment fit-territorju tiegħu, jew:
- Meta s-suġġetti tad-*data* fit-territorju tiegħu jiġu affettwati b'mod sostanzjali jew x'aktarx li jiġu affettwati b'mod sostanzjali mill-ipproċessar, jew:
- Meta awtorità superviżorja partikolari tirċievi lment.